# Rużarju li junora l-Misteri kollha

**+ Fl-isem tal-Missier, u tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Ammen.**

Alla tagħna isma' t-talb tagħna, eħles għinna u ieqaf magħna. **Glorja.**

**Il-Kredu tal-Appostli:**

**Jiena nemmen f'Alla, il-Missier li jista' kollox, li ħalaq is-sema u l-art; u f'Ġesu` Kristu, Ibnu wieħed Sidna, li kien konċeput mill-Ispirtu s-Santu, twieled minn Marija Verġni; bata taħt il-ħaqq ta' Ponzju Pilatu, sallbuh, miet u difnuh; niżel il-Limbu, mat-tielet jum qam minn bejn l-imwiet; tela' fis-smewwiet, qiegħed in-naħa tal-lemin t'Alla l-Missier, li jista' kollox; minn hemm għandu jerġa' jiġi biex jagħmel ħaqq mill-ħajjin u mill-mejtin. Nemmen fl-Ispirtu s-Santu; fil-Knisja Mqaddsa Kattolika, fix-Xirka tal-Qaddisin; fil-maħfra tad-dnubiet; fil-qawma tal-imwiet; u fil-ħajja ta' dejjem. Ammen.**

**Missierna** li inti fis-Smewwiet, jitqaddes Ismek, tiġi saltnatek, ikun li trid int, kif fis-sema hekkda fl-art. Ħobżna ta' kuljum agħtina llum, aħfrilna dnubietna bħalma naħfru lil min hu ħati għalina, u la ddaħħalniex fit-tiġrib, iżda eħlisna mid-deni. Ammen.

**Sliema** għalik, Marija, bil-grazzja mimlija. Il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa, u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek, Ġesù. Qaddisa Marija, Omm Alla, itlob għalina, midinbin, issa, u fis-siegħa tal-mewt tagħna. Ammen **(għal 3 darbiet)**

**Glorja** lill-Missier, u lill-Iben, u lill-Ispirtu s-Santu. Kif kien mill-bidu, issa u dejjem, u jibqa' għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

**Marija Santissima**, urina li inti Ommna: Għalik jisma t-talb tagħna: Ġesu twieled għalina, ried ikun bniedem bħalna.

**O Ġesu**, aħfrilna dnubietna, ħarisna min-nar tal-infern; ħu l-ġenna l-erwieħ kollha, speċjalment lil dawk li l-aktar għandhom bżonn tal-ħniena tiegħek.

L-EWWEL MISTERU: IT-TFULIJA TA' SIDTNA MARIJA U SIDNA ĠESU'…

(Glorja Lilek Santissima Trinita' għal dawn il-Misteri)

1. It-tnissil Immakulat tal-Verġni Marija fil-ġuf ta' ommha.

2. It-twelid tal-Verġni Marija.
3. Meta Marija daħlet fit-tempju, kienet tistudja l-Iskrittura u titlob, filwaqt li tiġi ffurmata mill-Ispirtu s-Santu.
4. Meta Marija offriet il-verġinita’ tagħha lil Alla u meta tgħarset ma’ Ġużeppi.
5. Meta l-anġlu Gabriel ħabbar lil Marija li kellha tkun omm Alla u bl-iva tagħha tnissel Ġesu’ f'ġufha safi.
6. Meta Marija marret żżur u tgħin lil Eliżabbetta.
7. Meta l-anġlu Gabriel ħabbar lil Ġużeppi bil-ħidma tal-Ispirtu s-Santu f'Marija.
8. Meta Marija ġarret lil Ġesu’ f'ġufha għal disa' xhur u meta għamlu l-vjaġġ fatikuż lejn Betlem.
9. Meta Ġesu’ twieled fl-għar ta’ Betlem u ġew ir-ragħajja u l-Maġi jżuruh.
10. Meta Marija u Ġużepp ippreżentaw lil binhom Ġesu’ fit-tempju.

IT-TIENI MISTERU: IL-ĦAJJA MOĦBIJA TA’ SIDNA ĠESU’ U SIDTNA MARIJA …

(Glorja Lilek Santissima Trinita’ għal dawn il-Misteri)

1. Meta l-Familja kellha taħrab lejn l-Eġittu, biex tevita l-qerda tat-trabi innoċenti.
2. It-tfulija ta’ Ġesu’ fl-Eġittu – art mimlija nies bi tradizzjonijiet pagani ta’ allat foloz u użu ta’ ħafna statwi tal-ġebel.
3. Meta l-Familja baqgħu hemmhekk sal-mewt ta’ Erodi u b'hekk seħħ dak li qal il-Mulej permezz tal-profeta, ‘Mill-Eġittu sejjaħt lil ibni.’
4. Ġużeppi ġie msejjaħ biex iżomm taħt il-ħarsien tiegħu l-misteru tal-Providenza ta' Alla - Ġesu'.
5. Meta wara l-mewt t'Erodi, il-Familja rritornat lura fl-art ta’ Iżrael, f'Nazaret, b'hekk seħħ dak li kien ingħad permezz tal-profeti, ‘Ikun jissejjaħ Nażri.’
6. Lura f'Nazaret, Ġużeppi u Marija rabbew lil Ġesu’ fl-għożża u l-biża’ t’Alla.
7. Minbarra li Ġesu’ rċieva t-tagħlim dwar ir-Reliġjon Lhudija u l-wegħda tal-Messija mingħand il-ġenituri tiegħu, huwa kien jitlob u jimmedita l-Kelma ta’ Alla u probabbli jattendi għat-tagħlim ma’ tfal oħra fis-Sinagoga.
8. Ta’ kull sena l-ġenituri ta’ Ġesù kienu jmorru Ġerusalemm għall-festa tal-Għid. Ta' tnax-il sena huwa baqa’ f’Ġerusalemm waħdu u l-ġenituri tiegħu fittxewh għal tlitt ijiem qabel ma sabuh fit-tempju jiddisputa mad-dutturi.

9. Ġesu' qallhom: "Għaliex kontu qegħdin tfittxuni? Ma tafux li jiena għandi nkun f'dak li hu ta' Missieri?" Iżda kliemu ma fehmuhx. Imbagħad niżel magħhom u raġa' mar Nazaret; u kien jobdihom. U ommu kienet tgħożż f'qalbha dawn il-ħwejjeġ kollha.
10. Meta Ġesù baqa' jikber fl-għerf, fis-snin u fil-grazzja, quddiem Alla u quddiem il-bnedmin.

IT-TIELET MISTERU: IL-ĦAJJA PUBBLIKA TA' SIDNA ĠESU' U SIDTNA MARIJA …

(Glorja Lilek Santissima Trinita' għal dawn il-Misteri)

1. Meta Ġesu' tgħammed minn Ġwanni l-Battista fil-Ġordan, kien imġarrab mix-xitan fid-deżert għal erbgħin jum u meta xandar lis-saltna t'Alla waslet u ħeġġeġ lin-nies biex jindmu.
2. Meta Ġesu' kien jitlob f'postijiet imwarba.
3. Meta għażel tnax-il dixxiplu u għamel l-ewwel sinjal fit-tieġ ta' Kana bl-intervent t'ommu u d-dixxipli emmnu fih.
4. Meta Ġesu' ppriedka u tkellem b'awtorita' u ħafna rġiel u nisa marru warajh imma ma ġiex milqugħ minn diversi nies.
5. Meta Ġesu' keċċa x-xjaten minn ħafna nies u fejjaq ħafna morda.
6. Meta Ġesu' ttrasfigura lilu nnifsu fuq il-muntanja Tabor quddiem id-dixxipli tiegħu u meta qajjem mill-mewt lil tlitt persuni.
7. Meta Ġesu' għamel id-daħla messjanika tiegħu f'Ġerusalemm.
8. Meta Ġesu' ħasel saqajn id-dixxipli u ħabbar it-tradiment ta' Ġuda u ċ-ċaħda ta' Pietru.
9. Meta Ġesu' tana kmandament ġdid li nħobbu lil xulxin bħalma ħabbna hu u talab għall-għaqda ta' bejnietna.
10. Meta Ġesu' tana d-doni tal-Ewkaristija u s-Saċerdozju.

IR-RABA' MISTERU: IL-PASSJONI TA' SIDNA ĠESU' U SIDTNA MARIJA …

(Glorja Lilek Santissima Trinita' għal dawn il-Misteri)

1. Meta Ġesu' talab fl-ort tal-Ġetsemani u għereq l-għaraq tad-demm.
2. Meta Ġesu' ġie ttradut, arrestat, ħaduh quddiem il-kunsill tas-Sinedriju, ġie mistoqsi mill-qassis il-kbir u miċħud minn Pietru. Ħaduh quddiem Erodi li żebilħu u quddiem Pilatu li jikkundannah għall-mewt.
3. Meta Ġesu' ġie fflaġellat mal-kolonna.
4. Meta Ġesu' ġie umiljat, imżeblaħ u nkurunat bil-kuruna tax-xewk.
5. Meta Ġesu' ġie mgħobbi bis-salib mingħand Pilatu sal-Kalvarju.

6. Meta tul it-triq waqa’ diversi drabi, iltaqa’ m’ommu, mal-Veronika u man-nisa ta’ Ġerusalemm u ġie megħjun minn Xmun iċ-Ċirinew.
7. Meta Ġesu’ ġie mneżża' minn ħwejġu u msammar mas-salib għal tlitt sigħat ta’ agunija.
8. Meta ħafer lil min salbu, wiegħed il-ġenna lill-ħalliel li nidem, ta lil Ġwanni d-dixxiplu f’idejn ommu u lilha f’idejh, staqsa lil Alla għaliex telqu, korob bil-għatx, qal li kollox kien mitmum u qabel miet, telaq ruħu f’idejn Alla Missieru.
9. Meta l-ġenb ta’ Ġesu’ ġie minfud b’lanza.
10. Meta ġismu tniżżel minn fuq is-salib u tpoġġa fi ħdan ommu u meta difnuh f’qabar ġdid.

IL-ĦAMES MISTERU: IL-GLORJA TA’ SIDNA ĠESU’ U SIDTNA MARIJA …

(Glorja Lilek Santissima Trinita’ għal dawn il-Misteri)

1. Meta Ġesu’ qam mill-mewt u probabilment wera ruħu lil Ommu.
2. Meta Ġesu’ wera ruħu lil Marija ta’ Magdala li baqgħet tibki ħdejn il-qabar u lil xi nisa li kienu marru biex jidilkuh.
3. Meta Ġesu’ wera ruħu lid-dixxipli li kienu mbeżża’ u msakkra u lil żewġ dixxipli li kienu sejrin Għemmaws u ċanfarhom għan-nuqqas ta’ fidi tagħhom, speċjalment lil Tumas. Meta Ġesu' deher ukoll lil seba’ dixxipli ħdejn il-baħar, staqsa lil Pietru jekk kienx iħobbux u talbu jirgħa l-merħla tiegħu.
4. Meta Ġesu’ ta l-missjoni lill-appostli, ordnalhom jibqgħu Ġerusalemm sa ma jgħammidhom bl-Ispirtu s-Santu u mbagħad tela’ s-sema.
5. Meta Ġesu’ bagħat l-Ispirtu s-Santu fuq l-appostli filwaqt li dawn kienu miġbura jitolbu flimkien ma’ Marija bħalma kienu mdorrijin jagħmlu.
6. Meta l-appostli kienu jevanġelizzaw u jiċċelebraw l-Ewkaristija u Marija kienet tirċievi lil Binha fit-tqarbin.
7. Meta Marija stenniet bil-ħerqa li terġa’ tingħaqad ma’ Binha u sakemm għamlet dan, baqgħet tishar fit-talb u taqdi lil uliedha kollha fl-ewwel komunitajiet Insara.
8. Meta Marija ġie mtella’ s-sema bir-ruħ u bil-ġisem u ngħaqdet ma’ Binha glorjuż għal dejjem.
9. Meta Marija ġie nkurunata Reġina tas-sema w l-art mis-Santissima Trinita’, mgħollija fuq il-kori kollha tal-anġli u avukata tagħna midinbin.
10. Ġesu' jkompli juri ruħu lill-bnedmin ta' kull żmien biex iwassalhom għas-salvazzjoni.

**Sliem għalik, Sultana**, omm tal-ħniena, ħajja, ħlewwa u tama tagħna. Sliem għalik, lilek ingħajtu, aħna, turufnati, ulied Eva. Lilek nitniehdu, aħna li nibku u nolfqu f’dan il-wied tad-dmugħ. Ejja mela, avukata tagħna; dawwar lejna dawk l-għajnejn tiegħek tal-ħniena. Urina, wara dan it-turufnament, lil Ġesù frott imbierek tal-ġuf tiegħek, o ħanina, o pija, o ħelwa, Verġni Marija.

Itlob għalina qaddisa Omm Alla: Biex ikun jistħoqqilna dak li wegħdna Kristu.

**Skont il-fehma tal-Papa, għall-bżonnijiet u l-protezzjoni tiegħu:** Missierna, Sliema u Glorja.

**Għall-erwieħ tal-Purgatorju:** Missierna, Sliema u

**Agħtihom O Mulej** il-mistrieħ ta' dejjem, id-dawl ta' dejjem jiddi fuqhom, jistrieħu huma fil-paċi. Ammen. **(għal 3 darbiet)**

**O Mqaddes Ġużeppi**, fil-hemm li fih ninsabu, lejk nirrikorru u b’tama qawwija nsejħu l-patronċinju tiegħek, wara dak tal-Għarusa Mqaddsa tiegħek.

Mela f’ġieħ dik ir-rabta għażiża ta’ mħabba li biha kont marbut max-xebba bla tebgħa, omm Alla, u f’ġieħ dik l-imħabba ta’ missier li biha ħabbejt lit-tfajjel Ġesù, nitolbuk li tħares ħarsa ħelwa lejn il-wirt għażiż, li Ġesù Kristu rebaħ b’demmu, u bis-setgħa u bil-għajnuna tiegħek tidħol għalina fil-bżonnijiet tagħna.

Kif int, O Ġużeppi, kont taħseb f’din l-art għall-Familja Mqaddsa u tħarisha, hekk ukoll ħu ħsieb tal-familja maħtura ta’ Ġesù Kristu. Eqred minn ġo nofsna, Missier ħanin, din il-pesta ta’ erruri u ta’ ħażen li qegħdin imarrdu d-dinja. Ieqaf magħna mis-smewwiet, f’din il-gwerra li għandna mal-qawwa tad-dlamijiet, o protettur qawwi tagħna. U kif darba ħlist mill-mewt lill-Bambin Ġesù, hekk issa ddefendi l-Knisja Mqaddsa t’Alla mit-tnassis tal-għedewwa u minn kull hemm.

Xerred dejjem fuq kull wieħed u waħda minna l-patronċinju tiegħek, sabiex bl-eżempju u bil-għajnuna tiegħek, nistgħu ngħixu ħajja qaddisa, nagħmlu mewta tajba, u naqilgħu l-hena ta’ dejjem ġewwa l-ġenna. Ammen.

**San Mikiel Arkanġlu**, idħol għalina fit-taqbida; kun int l-għajnuna tagħna kontra l-ħażen u t-tnassis tad-demonju. Irażżnu Alla, nitolbuk bil-ħerqa. Int l-aqwa fost il-qtajja’ tas-sema, itfa' bil-qawwa t'Alla, fil-qiegħ ta' l-infern lix-xitan u l-ispirti ħżiena l-oħra li jiġġerrew fid-dinja għat-telfien ta' l-erwieħ. Ammen.

Verġni pura qabel it-twelid - Omm Alla itlob għalina. **Sliema.**
Verġni pura fit-twelid - Omm Alla itlob għalina. **Sliema.**
Verġni pura wara t-twelid - Omm Alla itlob għalina. **Sliema**.

**Glorja (għal 3 darbiet)**

Mulej, ħniena. *Mulej, ħniena.*
Kristu, ħniena. *Kristu, ħniena.*
Mulej, ħniena. *Mulej, ħniena.*
Kristu, ismagħna. *Kristu, ismagħna.*
Kristu, ilqa' t-talb tagħna. *Kristu, ilqa' t-talb tagħna.*

Missier Etern Alla. *Ħenn għalin.*
Iben Alla, li fdejt id-dinja. *Ħenn għalina.*
Spirtu Santu Alla. *Ħenn għalina.*
Trinità Qaddisa Alla wieħed. *Ħenn għalina.*

Imqaddsa Marija. *Itlob għalina.*
Imqaddsa Omm Alla. *Itlob għalina.*
Imqaddsa Xebba tax-xbejbiet. *Itlob għalina.*

Omm ta' Kristu. *Itlob għalina.*
Omm il-Knisja. *Itlob għalina.*
Omm tal-ħniena. *Itlob għalina.*
Omm tal-grazzja ta' Alla. *Itlob għalina.*
Omm it-tama. *Itlob għalina.*
Omm l-iżjed safja. *Itlob għalina.*
Omm l-iżjed nadifa. *Itlob għalina.*
Omm u xebba. *Itlob għalina.*
Omm bla tebgħa. *Itlob għalina.*
Omm li tistħoqq l-imħabba. *Itlob għalina.*
Omm tal-għaġeb. *Itlob għalina.*
Omm tal-parir it-tajjeb. *Itlob għalina.*
Omm ta' min ħalaqna. *Itlob għalina.*
Omm ta' min salvana. *Itlob għalina.*

Xebba kollok għaqal. *Itlob għalina.*
Xebba li tistħoqq kull qima. *Itlob għalina.*
Xebba li tistħoqq kull foħrija. *Itlob għalina.*
Xebba kollok setgħa. *Itlob għalina.*

Xebba kollok ħniena. *Itlob għalina.*
Xebba dejjem marbuta m'Alla. *Itlob għalina.*

Mera tal-qdusija. *Itlob għalina.*
Tron tal-għerf. *Itlob għalina.*
Bidu tal-ferħ tagħna. *Itlob għalina.*
Għamara tal-Ispirtu s-Santu. *Itlob għalina.*
Għamara ta' kull grazzja. *Itlob għalina.*
Għamara ta' kull tjieba. *Itlob għalina.*
Warda mistika. *Itlob għalina.*
Torri ta' David. *Itlob għalina.*
Torri tal-avorju. *Itlob għalina.*
Dar tad-deheb. *Itlob għalina.*
Arka tar-rabta l-ġdida. *Itlob għalina.*
Bieb tas-sema. *Itlob għalina.*
Kewkba ta' filgħodu. *Itlob għalina.*
Saħħa tal-morda. *Itlob għalina.*
Kenn tal-midinbin. *Itlob għalina.*
Faraġ tal-migranti. *Itlob għalina.*
Faraġ tal-imnikktin. *Itlob għalina.*
Għajnuna tal-insara. *Itlob għalina.*

Sultana tal-Anġli. *Itlob għalina.*
Sultana tal-Patrijarki. *Itlob għalina.*
Sultana tal-Profeti. *Itlob għalina.*
Sultana tal-Appostli. *Itlob għalina.*
Sultana tal-Martri. *Itlob għalina.*
Sultana tal-Konfessuri. *Itlob għalina.*
Sultana tal-Verġni. *Itlob għalina.*
Sultana tal-Qaddisin kollha. *Itlob għalina.*
Sultana mnissla mingħajr l-ewwel tebgħa. *Itlob għalina.*
Sultana mtellgħa s-sema. *Itlob għalina.*
Sultana tar-Rużarju Mqaddes. *Itlob għalina.*
Sultana tal-familja. *Itlob għalina.*
Sultana tal-paċi. *Itlob għalina.*

Sultana tal-erwieħ tal-Purgatorju. *Itlob għalina.*
Sultana tas-saċerdoti u r-reliġjużi. *Itlob għalina.*
Sultana tal-martri (reliġjużi) *Itlob għalina*
Sultana tal-ġnus kollha. *Itlob għalina.*

Sultana tal-univers. *Itlob għalina.*
Sultana tal-qalb tagħna. *Itlob għalina.*

Sinjura sabiħa tal-ward. *Itlob għalina.*
Sunjura tas-Santissimu Sagrament. *Itlob għalina.*
Sinjura addolorata. *Itlob għalina.*
Immakulata kunċizzjoni. *Itlob għalina.*
Tabernaklu ta' Alla l-ħaj. *Itlob għalina.*
Avukata tagħna. *Itlob għalina.*
Ko-Redentriċi. *Itlob għalina.*
Medjatriċi ta' kull grazzja. *Itlob għalina.*

Ħaruf t'Alla, li tneħħi d-dnubiet tad-dinja: Aħfrilna, nitolbuk, Mulej.

Ħaruf t'Alla, li tneħħi d-dnubiet tad-dinja: Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Ħaruf t'Alla, li tneħħi d-dnubiet tad-dinja: Ħenn għalina.

Itlob għalina qaddisa Omm Alla: Biex ikun jistħoqqilna dak li wegħdna Kristu.

**Ftakar, ja l-iżjed ħanina**, omm u verġni Marija, li qatt ma nstama' fid-dinja li xi ħadd intefa' taħt il-ħarsien tiegħek, talbek l-għajnuna jew fittex li tidħol għalih, u inti ma smajtux. Imqanqal minn dan il-ħsieb, għal għandek niġri, ja verġni u omm tiegħi; għandek niġi, quddiemek noqgħod, midneb u niedem, ja omm l-Iben ta' Alla magħmul bniedem. La tistmerrx it-talb tiegħi, iżda ismagħni u weġibni. Ammen.

+ **Fl-isem tal-Missier, u tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Ammen.**